Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut,
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 45

Data tal-laqgħa: 12 ta` Frar 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:
Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku
Daniel Muscat – Kunsillier
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 45.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

45.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 44

45.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Erbgħa u Erbgħin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

45.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 45.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

45.3.1 Ma kienx hemm punti li joħorġu mill-minuti.

## 45.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

45.4.1 Talba għal *Bus Shelters* ġodda

Is-Sindku talab lis-SE biex tibgħat *reminder* lill-kumpanija Faces Displays Ltd dwar it-talba li kienet saret mill-Kunsill sabiex jiġu nstallati 2 *bus shelters* fuq il-bankina fi Triq Birbal faċċata ta` Żmerċ Pub u fil-Wied ta` Ħal Balzan k/m Triq it-Tliet Knejjes. Din it-talba kienet saret f`April 2017.

45.4.2 Talba għal *Bus Stop* ġdida fi Triq Birbal

Is-Sindku staqsa kif bqajna dwar it-talba għal *Bus Stop* ġdida fi Triq Birbal fl-akwati ta` Triq il-Kannizzata. Is-SE qalet li ntbgħatu diversi *reminders* lill-Transport Malta u s`issa għad m`hemmx risposta. Is-SE se terġgħa tibgħat *reminder.*

45.4.3.1 *Main* tal-ilma fi Triq Idmejda

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li flimkien mas-SE iltaqgħu mas-Sur Joseph Gregoraci u mal-Perit Joslyn Cachia mill-WSC. Huma kkonfermaw li se jibdlu l-*main* tal-ilma tul Triq Idmejda kollha (minn fejn l-HSBC sa fejn il-Melita Gardens). Il-*main* il-ġdid ser jgħadduh minn ġol-bankina.

45.4.3.2 Ix-xogħlijiet se jsiru min-naħa tal-WSC għas-spejjeż tagħhom. Is-Sindku talabhom jipprovdulna stima tad-differenza li kieku l-bankina kellha ssir bil-*paving* blocks minn flok konkos biex tiġi ikkunsidrata mill-Kunsill. Is-Sindku talab dwar il-possibilta` li kif ser ikun għaddej ix-xogħol issir it-triq bit-tarmac ukoll.

45.4.4.1 Laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki

Is-Sindku talab l-opinjoni tal-Kunsilliera dwar jekk is-Sindki għandhomx jiġu kkunsidrati *full timers* peress li din ser tiġi diskussa fil-laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki li se ssir fl-24 ta` Marzu 2018.

45.4.4.2 Is-Sindku qal li fil-prinċipju jaqbel magħha għax maż-żmien il-volum tax-xogħol dejjem qed jiżdied. Din trid tirrifletti wkoll fir-remunerazzjoni li jingħata lis-Sindku.

45.4.4.3 Il-Kunsill iddiskuta din il-materja. Hemm bżonn aktar informazzjoni dwar kif qed tiġi propoasta din il-materja u minn hemm il-membri jkunu jistgħu jieħdu pożizzjoni.

Is-SE talbet li tinbidel l-ordni tax-xogħol biex tiġi diskussa *item* 45.6 tal-Agenda peress li kien hemm preżenti l-*accountant* tal-Kunsill biex jagħti l-kummenti tiegħu. Il-Kunsill qabel unanimament u għadda biex jiddiskuti *item* 45.6.

## 45.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta` Rapporti

45.6.1.1 Rapport Finanzjarju għat-tlett xhur minn Ottubru sa Diċembru 2017
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tlett xhur minn Ottubru sa Diċembru 2017 (anness). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

45.6.1.2 Ir-Rapport ġie approvat unanimament.

45.6.2.1 Rapport Finanzjarju għas-sena 2017
Is-SE qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2016. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa (anness). L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono kien preżenti biex jippreżenta d-dokumenti u ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

45.6.2.2 Il-Kunsill unanimament approva r-Rapport Finanzjarju għas-sena 2017 u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

45.6.3.1 Pjan ta` Ħidma 2018-2020
Il-Pjan ta` Ħidma 2018-2020 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill (anness). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

45.6.3.2 Il-Kunsill unanimament approva l-Pjan ta` Ħidma għat-tliet snin 2018-2020.

## 45.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

45.5.1.1 Il-Kunsillier Joe Galea staqsa lill-Viċi Sindku Andre` Grech
'Nixtieq inkun naf f'hiex waslu l-arranġamenti biex jitranġa l-parti tal-pavimentar li qiegħed jisfronda fi Triq il-Kbira (lejn il-Bus Stop) u Triq Ġuze Bonnici? Naħseb li issa għadda biżżejjed żmien biex dawn il-ħsarat setgħu kienu rranġati. Nixtieq ninfurmak lis-sitwazzjoni sejra għall-agħar.'

45.5.1.2 Il-Viċi Sindku qal li kien kellem lill-Perit Anthony Bezzina dwar dan u ser jiltaqa` miegħu fuq il-post biex jara l-ħsarat. Ġie nnutat lill-pavimentar beda jisfronda minn meta saru l-*culverts* mill-MTI. Is-SE ser tiċċekkja mal-Perit Marvienne Camilleri (MTI) kienx sar *condition report* taż-żona qabel ma saru l-*culverts.*

## 45.7 Kontenituri tal-*Bring-in-Site* f`Wesgħa Profs. Guze Aquilina

45.7.1 Il-Kap ta` Dar Merħba Bik u s-Sur Joe Gerada, *Chairperson* tal-Kummissjoni kontra l-Vjolenza Domestika ma setgħux jattendu għalhekk it-talba li jiġu rilokati l-kontenituri tal-*Bring-in-Site* tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

F`dan il-ħin (5.40pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-5.50pm.

## 45.8 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

45.8.1 Kwotazzjonijiet għall-kiri ta` trasport
Is-SE infurmat lill-Kunsill li ġabet 3 kwotazzjonijiet għall-kiri ta` *coaches* u *mini buses* għall-ħarġiet li jiġu organizzati mill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni ta` Arthur & John`s Garage għax dejjem ta servizz tajjeb lill-Kunsill.

45.8.2 Kwotazzjonijiet għall-kiri ta` *Light Duty Vehicle*
Is-SE ressqet 3 kwotazzjonijiet li ġabet għall-kiri ta` *light duty vehicle.* Il-Kunsill unanimament approva l-irħas offerta ta` Meli Car Rentals Ltd.

45.8.3.1 *Tender for the Leasing of a Light Duty Vehicle with low emissions*
Is-SE infurmat lill-Kunsill li ppreparat id-dokument għas-sejħa għall-offerti għall-*leasing* tal-vann. Kopja tad-dokument ingħata lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

45.8.3.2 Dan id-dokument ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Is-SE se tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa

għall-offerti.

45.8.3.3 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni se jkun magħmul minn dawn il-membri:
Chairperson: Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri
Evalwaturi: L-avukat Dr Veronica Aquilina
L-*accountant* tal-Kunsill , Mark Debono

Dwar l-evalwatur tekniku, is-SE ser tiċċekkja ma` Kunsilli oħra u tibgħat l-informazzjoni lill-Kunsilliera permezz ta` *email* għall-approvazzjoni.

Il-Viċi Sindku Andre` Grech u l-uffiċjal eżekuttiv Mariella Casha se joqgħodu *Opening Staff*.

45.8.4 *Cultural Tours for Diplomats* 2018
Ġiet innutata *email* mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Cultural Tours for Diplomats* 2018.

45.8.5 Ċirkulari AKL 2018/008 – Inizjattiva MCCF 2018
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/008 – Inizjattiva MCCF 2018 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Il-Kunsilliera kollha qablu li jipparteċipaw fl-inizjattiva permezz ta` donazzjoni ta` €2.33c fix-xahar għas-sena 2018, li titnaqqas mill-*Allowance* tagħhom.

45.8.6.1 *Newsletter* tal-Kunsill
Il-Kunsillier Daniel Muscat infurma li residenta ssuġġeriet li l-Kunsill jibda jibgħat *emails* b`informazzjoni u avviżi lir-residenti b`mod regolari.

45.8.6.2 Il-Kunsill unanimament qabel u ser tinġabar lista ta` dawk li huma interessati li jirċievu informazzjoni mill-Kunsill permezz tal-*email*.

45.8.7.1 Sejħa għall-offerti għas-servizz Legali
Is-SE fakkret lill-Kunsill li l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti għas-servizz legali li kien ġie temporanjament sospiż sakemm issir il-bidla fir-regolamenti tal-akkwist. Is-SE qalet li issa l-ammont għad-*direct order* ma jistax ikun aktar minn €5,000 (VAT eskluż) f`sena u f`dan il-każ il-Kunsill ikun irid jitlob tliet (3) kwotazzjonijiet bil-miktub.

45.8.7.2 Is-SE qalet li l-Kunsill għandu *budget* ta` €1,500 (VAT inkluż) biex jintefqu fuq servizzi legali fl-2018. Il-Kunsill unanimament qabel li jintalbu tliet (3) kwotazzjonijiet minnflok tinħareġ sejħa għall-offerti.

## 45.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

45.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 2/18 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €23,158.97.

45.9.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 45.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

45.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15pm.

45.10.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 15 ta` Marzu 2018 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il- Ħamis, 15 ta` Marzu 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |